**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 13/12(21_12_12).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Diċembru 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-4.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-17 ta' Diċembru 2012.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u Assistant Principal.
6. Offerti MXR/005/2012 – Xogħol ta' Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
7. Offerta MXR/006/2012 – Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
8. Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.
9. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
10. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
11. Rapport tas-Sindku.
12. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
13. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
14. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 41/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 37719 rigward toroq li saru fil-lokalitajiet bejn Marzu 2008 sal-lum.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 42/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Responsabbiltajiet ta' Segretarju Eżekuttiv'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 43/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Konferenza Nazzjonali: Mobilita' Sostenibbli f' Malta – Riċerka dwar it-Trasport fil-Prattika'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 44/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar it-Traspożizzjoni tad-Direttiva 2012/19/UE dwar Skart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 45/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 46/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kunsill tal-Ewropa – *Social Cohesion Plan* u *SPIRAL Methodology* – Preżentazzjoni u Taħriġ'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 47/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 38475 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom persuni impjegati jew kuntrattati biex jagħmluha ta' *Events Coordinators*.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 48/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 38470 fejn saret referenza għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Numru 38100 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li kellhom *surplus* fil-*working capital* tagħhom.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 49/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2013'.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 50/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 38554 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' Marzu 2012 ipproġettaw nefqa tas-sena li hija akbar mid-dħul li ġej mill-allokazzjoni.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 51/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 38555 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li matul dawn l-aħħar sentejn għamlu investiment fil-binja tal-Kunsill Lokali u/jew inkella bidlu l-binja tal-Uffiċċju Amministrattiv.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 52/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 38556 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li kellhom kuntratti skaduti tas-servizzi qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' Marzu 2012.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 53/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 38552 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li daħlu għal PPP fuq rikostruzzjoni tat-toroq mit-twaqqif tagħhom cioe' minn meta bdiet l-iskema.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 54/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 38639 rigward kemm ħallas kull Kunsill Lokali li bbenefika mill-iskema tal-*Private Public Partnership* f' xogħlijiet infrastrutturali bħal servizzi tal-ilma, drenaġġ u bankini f' kull triq li saret din is-sena u s-sena l-oħra.

2.15 Il-Kunsill irċieva Memo 55/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward ‘Emendi fl-Applikazzjonijiet tad-Dawl fit-Toroq (Korporazzjoni Enemalta)’.

2.16 Il-Kunsill irċieva Memo 56/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward ‘Skema ta’ Finanzjament ta’ Proġett Pilota – Inizjattiva Msejjħa *Book Box*’.

2.17 Il-Kunsill irċieva Memo 57/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward ‘L-Immaniġġar tal-Iskart fil-Lokalitajiet Tagħna’.

2.18 Il-Kunsill irċieva Memo 58/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward ‘Talbiet mill-Kunsilli Lokali għal Self mill-Bank’.

2.19 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Moviment Kerygma rigward ‘Premju Żagħżugħ tas-Sena 2012’.

2.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kummissarju għat-Tfal rigward il-‘Festa Tfal’ fit-18 ta’ Novembru 2012 fil-Girgenti Palace, bħala parti mill-World Children’s Day.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Project ACA Focal Point, Malta Tourism Authority rigward il-proġett ‘Accessible Culture for All’ (ACA) u stieden lill-Kunsill għall-*Information Seminar* immirat lejn Tourism Industry fis-16 ta’ Novembru 2012 fl-Europa House, Valletta.

2.22 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Green MT Ltd. fejn qed jinformaw lill-Kunsill li peress li l-Milied u l-Ewwel tas-Sena ser jaħbtu fil-ġurnata li jsir il-ġbir ta’ l-iskart riċiklabbli (borża griża), din il-ġabra ser issir l-għada, flimkien mal-ġabra normali.

2.23 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo SPCA rigward ‘Stray Dogs in Gozo’.

2.24 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kumitat Ċentrali, Soċjeta’ Mużikali Madonna tal-Ġilju fejn wasslu l-kondoljanzi u s-sogħba tagħhom għall-mewt ta’ l-ex-Kunsillier Mario Gauci li ġrat fl-inċident fil-Kamra tan-Nar, fl-4 ta’ Novembru 2012.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-‘Jum Marittimu Ewropew 2013 – Stedina għall-organizzazzjoni ta’ Attivitajiet Pubbliċi’.

2.26 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b’ Diżabilita’ (KNPD) rigward in-*National Conference* fit-3 ta’ Diċembru 2012, sabiex jiġi mmarkat il-ftuħ tan-National Disability Week.

2.27 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ‘Memo 46/2012 – Kunsill tal-Ewropa – Social Cohesion Action Plan u SPIRAL Methodology - Preżentazzjoni u Taħriġ - 3-4 ta’ Diċembru 2012’.

2.28 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Project Leader, Ministeru għal Għawdex għal SIMBIOTIC events bejn id-29 ta’ Novembru 2012 u l-1 ta’ Diċembru 2012.

2.29 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEPA rigward il-*Policy Document* dwar ‘Height Limitation Adjustment for Hotels in Tourism Areas’ li għadha kemm ħarġet għall-konsultazzjoni pubblika u l-Kunsill ġie mistieden għal *discussion meeting* fis-6 ta’ Diċembru 2012, fl-NGO’s Centre, Ix-Xewkija.

2.30 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Business Service Centre (Gozo), Relationship Management Unit, Malta Enterprise għal *Information Session* re: CIP (Competitiveness and Innovation Framework Programme) 2013 Calls for Proposals, fid-29 ta' Novembru 2012.

2.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita' fejn qed jitwassal invit uffiċjali mingħand iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Nazzjonali għas-Sena Ewropea 2012 għall-Egħluq Uffiċjali tas-Sena Ewropea 2012 f' Malta.

2.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward *Seminar* imniedi minn Transport Malta rigward e-Forms, fid-19 ta' Diċembru 2012 fi Transport Malta, Sa Maison.

2.33 Il-Kunsill irċieva invit mingħand l-ABA Services sabiex il-Kunsill jattendi għall-*Networking Reception* fl-1 ta' Diċembru 2012 fid-Downtown Hotel, Victoria.

2.34 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand The Physically Handicapped Rehabilitation Fund rigward 'Christmas Stocking Appeal 2012'.

2.35 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita' (KNPD) rigward il-Ġimgħa tal-Persuni b' Diżabilita' mit-3 sal-10 ta' Diċembru 2012 bit-tema 'Kulħadd Differenti Ilkoll Indaqs'.

2.36 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC (Malta-EU Steering and Action Committee) rigward 'Laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku', fis-26 ta' Novembru 2012 f' Dar l-Ewropa, Valletta.

2.37 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal informazzjoni mill-Korporazzjoni Enemalta rigward 'Min hu Responsabbli mil-Lampi fit-Toroq Arterjali u Distributorji'.

2.38 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-i*Schemes Unit*, Dipartiment għall-Gvern Lokali għal varar tal-benefiċjarji fuq l-iskemi ta' Finanzjament ta' Proġetti għal-Lokalitajiet Żgħar, Proġetti Speċjali u Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar, fl-20 ta' Diċembru 2012, fil-Berġa ta' Kastilja.

2.39 Il-Kunsill irċieva Circular to Contractors 05/12 mingħand Transport Malta li huwa rigward 'Xogħlijiet fil-perjodu tal-Festi tal-Milied'.

2.40 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *Press Release* PR 2690 li hija rigward 'Aktar Inizjattivi Biex it-Tfal Jilgħabu u Jikbru B' Saħħithom – Projbizzjoni tat-Tipjip fil-*Playgrounds'*.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident ta' Triq iż-Żirżieb fejn qed jilmenta li l-qtates qed iqattgħu l-boroż taż-żibel u ż-żibel jispiċċa ma' l-art. Huwa qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel *skip on wheels*. Din il-persuna kienet preżenti fil-laqgħa u ġie spjegat lilha li ma huwiex prattiku li jsir *skip*.

3.02 Il-Kunsill kien applika għal Skema ta' Finanzjament għar-Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar (Memo 122/2011). Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ddeċieda li jalloka s-somma ta' €4,500 lill-Kunsill sabiex isir xogħol meħtieġ fuq *shelters* ta' żmien il-Gwerra fi Triq il-Munxar u fil-Pjazza tal-Knisja u niċċa ddedikata lil Qalb ta' Ġesu' fi 88 Triq il-Munxar. Dawn ix-xogħlijiet iridu jkunu lesti fi żmien sena.

3.03 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bozza mad-dar Southern Cross, fi Triq il-Kalkara tal-Ġir, Il-Munxar. Kien hemm qbil dwar dan.

3.04 Il-Kunsill irċieva ċirkulari mingħand Transport Malta rigward sinjali tat-traffiku li jiġu mgħottija temporanjament. B' effett immedjat, tabelli ma jistgħux jiġu mgħottija bil-boroż, iżda jsir salib b' *tape* aħmar minflok.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Pulizija fejn qed jikkonferma li ser jieħdu passi kontra dak il-Kuntrattur li kisser żewġ *Traffic Barriers* tal-Pjazza tal-Knisja.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċċju tal-UIF tal-MEPA dwar fondi li hemm disponibbli lill-Kunsill u lill-Kumitat. Il-Kunsill għandu €9,107.51 filwaqt li l-Kumitat għandu €27,936.95.

3.07 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li l-MEPA bagħtet lill-Inġinier Muscat tal-Ministeru għal Għawdex, fejn qed tilmenta dwar dawl qawwi li ġie nstallat proviżorjament fi Triq il-Kantra għax qed jiddistorbja lill-għasfur Cory's Shearwaters. Il-MEPA qed titlob sabiex dan id-dawl jitranġa.

3.08 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina rigward kelb tal-ġirien li qed jinbaħ kontinwament u qed ikun ta' inkonvenjent. Is-Sindku kellem lis-Sid ta' dan il-kelb u preżentament il-persuna li għamlet l-ilment tinsab imsiefra.

3.09 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta ta' Triq ir-Rumani, Ix-Xlendi dwar Triq ir-Rumani fejn qed tinforma lill-Kunsill dwar l-istat diżastruż u perikoluż kawża ta' ħafna ilmijiet, u kawża ta' dan qed iġarrbu ħsarat fil-vetturi tagħhom. Il-Kunsill kien diġa' ħa l-passi neċessarji.

3.10 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta ta' Triq il-Kantra rigward żibel li qed jintefa' maġenb *litter bin* li hemm fit-tarf ta' fuq tat-triq. Qed tilmenta li dan il-*litter bin* ma huwiex jitnaddaf minn meta bdiet l-iskeda tax-Xitwa. Dan l-ilment ġie rreferut lit-Taqsima ta' l-Indafa Pubblika.

3.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Transport Malta dwar it-talba tal-Kunsill sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq Tarsu u *bollard* fi Triq San Pawl. Qed isir suġġeriment li jsiru *parking bays* fi Triq Tarsu u ssir *slow sign* fi Triq San Pawl.

3.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ dwar il-programm ta' l-Aġenzija sabiex tkompli tkabbar il-programm ta' *empowerment* bil-għan li toħloq opportunita' oħra sabiex ikun faċilitat l-iżvilupp ħolistiku taż-żgħażagħ. Dan il-proġett għandu l-għan li jikkumplimenta l-edukazzjoni formali billi jingħata taħriġ b' mod non formali li tappella liż-żgħażagħ. Diversi temi ta' importanza fil-ħajja taż-żgħażagħ ser ikunu koperti permezz ta' *Empower*, fil-fatt il-proġett jikkonsisti f' sitt skedi ta' taħriġ minn fejn il-Kunsilli Lokali jistgħu jagħżlu skont dawk li jħossu li l-aktar jindirizzaw il-bżonnijiet taż-żgħażagħ tal-lokalita'. Il-Kunsill qed ikun imħeġġeġ japplika.

3.13 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand Sid ta' proprjeta' fi Triq il-Munxar, Il-Munxar fejn qed tilmenta li vetturi qed jaħbtu mal-gallerija li għadha kemm saret, anke' jekk din il-gallerija nbniet skont il-permessi. Hija qed titlob sabiex taħt din il-gallerija ssir bankina. Ġie deċiż li bankina ma tistax issir peress li t-triq hija dejqa.

3.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC dwar opportunita' ta' skemi ta' taħriġ u edukazzjoni b' fondi tal-Unjoni Ewropea.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 13/12(21_12_12).

**5.00 Il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u Assistant Principal.**

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-*Assistant Principal*. Is-Sindku ppreżenta r-rapporti u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% u l-*Assistant Principal bonus* ta' 6% skont ir-regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv ir-rapport ser jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

**6.00 Offerti MXR/005/2012 – Xogħol ta' Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.**

6.01 Il-Kuntrattur Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. intalab mill-Kumitat sabiex jikklarifika dwar it-tul ta' żmien li ser jieħu sabiex il-proġett jitlesta kif ukoll dwar il-materjal li ser jintuża fir-*railing*. Il-Kuntrattur irrisponda u din it-tweġiba ġiet irreferuta lill-Perit. Wara li jwieġeb il-Perit issir laqgħa ma' l-Avukat sabiex jittieħed il-parir legali ta' dan il-każ.

**7.00 Offerta MXR/006/2012 – Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

7.01 Din l-offerta ġiet ippubblikata fit-23 t' Ottubru 2012 fuq il-Gazzetta tal-Gvern u fl-24 t' Ottubru 2012 fuq The Malta Independent u għalqet fis-26 ta' Novembru 2012. Din l-offerta ġiet imqassma f' erba' *Lots*:

Lot 1: Restoration Works and Mechanical Repair Works.

Lot 2: Provision, Installation, Testing and Commissioning of Electrical, Ventilation, Fire Detection, Alarm, CCTV, Data Network and Intrusion Detection Systems.

Lot 3: Supply, Installation, Commissioning of Interpretation System, Static, Audio and Video Content and Interactive System.

Lot 4: Design, Develop and Commission of a Website.

7.02 Fis-7 ta' Diċembru 2012 kienu saru intervisti ma' kull min tefa' l-offerta. F' din l-intervista kien hemm preżenti l-Inġinier Jason Vella li hu inkarigat minn *Lots* 2, 3 u 4 u l-Perit Edward Said li hu inkarigat minn *Lot* 1. Il-Perit William Lewis kien preżenti wkoll flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi-Sindku Ryan Debrincat.

Dawn huma l-offerti li ntefgħu:

| NRU. | ISEM TAT-TENDERER | LOT 1 € | LOT 2 € | LOT 3 € | LOT 4 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Baron Contracts Ltd. | 133,385.05 | 22,127.59 | 54,683.50 | 14,160.00 |
| 2 | Erica Spiteri | Nil | Nil | Nil | 11,500.00 |
| 3 | Bezzina Ship Repair Yard Ltd. | 311,385.00 | Nil | Nil | Nil |
| 4 | Eagle Security Systems | Nil | 28,251.42 | Nil | 9,760.80 |
| 5 | Ta' Ġam Ġam Services | 175,950.00 | Nil | Nil | Nil |
| 6 | Richard Cauchi | Nil | 28,734.00 | Nil | Nil |

L-Inġinier Vella u l-Perit Said ippreżentaw l-*Adjudication Reports*. Qed jiġi rrakkomandat li l-offerti jingħataw hekk:

*Lot* 1 tingħata lil Ta' Ġam Ġam Services għas-somma ta' €175,950.00.
*Lot* 2 tingħata lil Eagle Security Systems għas-somma ta' €28,251.42.
*Lot* 3 tingħata lil Baron Contracts Ltd. għas-somma ta' €54,683.50.
*Lot* 4 tingħata lil Eagle Security Systems għall-valur ta' €9,760.80.

Il-Kunsill qed jaċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Inġinier u l-Perit iżda peress li ser jingħataw offerti li ma humiex l-orħos, il-Kunsill għandu jieħu l-parir ta' l-Avukat Mario Scerri sabiex ikun kollox skont il-liġi. Din l-offerta ser titħallas minn fondi ta' *Measure* 323, fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

**8.00 Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' pavimentar f' Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra waqaf sabiex il-Perit ikejjel u joħroġ il-kont lill-Kuntrattur u b' hekk inkunu nistgħu nitolbu lill-Paying Office (EU Funds) sabiex jitrasferixxu fondi minn xogħlijiet oħra għal dan ix-xogħol.

**9.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li dawk il-fondi li ġew imwiegħda li jingħataw lill-Kunsill u x-xogħol irid isir sa l-aħħar ta' Novembru 2012, ġew approvati li jingħataw dment li x-xogħlijiet isiru sa l-aħħar ta' Marzu 2013. Diġa' hemm stimi mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u qed nistennew stimi ta' xogħol mingħand l-Enemalta Corporation.

**10.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

10.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ħajt tal-Wied tax-Xlendi li twaqqa' bil-maltemp ser jinbena mill-Ministeru għal Għawdex.

10.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-materjal għall-kisi ta' parti minn Triq tal-Bardan ser jitħallas mill-Kunsill u t-Taqsima tax-Xogħlijiet ser jipprovdi l-ħaddiema. Il-Kunsill ser jaħdem stima ta' kemm konkos ser jintuża.

**11.00 Rapport tas-Sindku.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa għaddej ix-xogħol ta' kostruzzjoni mill-privat fi Triq ir-Rumani. Il-Kunsill ma huwiex ser jagħti permessi sabiex it-triq tingħalaq. X' ħin dan ix-xogħol jitlesta, l-Kunsill ser jagħti bidu għall-kisi ta' din it-triq bit-tarmak.

11.02 Is-Sindku ġie avviċinat mill-Kappillan fejn informah li hemm il-ħsieb li ssir irħama b' tifkira għall-mibki Mario Gauci li miet fit-traġedja tan-nar li seħħet fl-4 ta' Novembru 2012. Il-Kunsill qed ikun mitlub sabiex jgħin peress li Mario Gauci huwa ex-membru tal-Kunsill.

11.03 Is-Sindku ssuġġerixxa li bħas-snin l-imgħoddija ssir l-ikla annwali mill-membri tal-Kunsill, Kumitat Amministrattiv u l-ħaddiema tal-Kunsill. Ġie deċiż li din is-sena l-ikla ssir fl-4 ta' Jannar 2013, fil-La Grotta Kitchen fix-Xlendi.

Il-ħin kien is-6.30 ta' filgħaxija u s-Sur Saviour Spiteri talab ikun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

11.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-bidu tas-sena 2013, il-Kunsill ser jaħdem fuq dawn il-proġetti: Kisi ta' toroq bit-tarmak bl-iskema ta' PPP, Eco Gozo - Pjazza tal-Knisja, Proġett Skema ta' Restawr ta' Niċeċ u Proġett ta' Aċċessibilita' tal-Uffiċċju Amministrattiv.

11.05 Is-Sindku rringrazzja lil Emmanuel Zammit li għoġbu jġib presepju tal-ġebel għall-wiri fil-Kunsill Lokali.

**12.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

12.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kuntrattur Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. kejjel ix-xogħlijiet bil-Perit imqabbad minnu u qed jitlob is-somma ta' €47,737.61. Il-Kumitat talab lill-Perit imqabbad mill-Kumitat u li kien issorvelja x-xogħlijiet sabiex joħroġ il-kont uffiċjali tax-xogħlijiet. L-ammont skont il-Perit tal-Kumitat huwa ta' €36,585.85. Il-Perit William Lewis intalab jispjega punt punt dwar id-deskripanzi li jammontaw għal €11,151.76. Minn din il-lista l-Kumitat qabel li ma jħallasx għal punt 1, 9 u 10 peress li x-xogħlijiet kif qed jiċċarġja ma jmurx skont il-ftehim.

| No. | Item | Reason | Amount claimed by Contractor | Amount Certified | Differences | Committee's Decision |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Demolish existing parapet wall | Contractor inserted a new item while this had to be included in items 6.1 and 6.3. | 1,376.05 | 321.30 | 1,054.75 | NO |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Pedestrian guard rail | Contractor changed spacing of vertical plates to approx 1.1m and included 100 in no. in bill as actually installed, while Perit William Lewis certified according to drawing where spacing was every 1.5m. | 22,732.83 | 17,904.53 | 4,828.30 | YES |
| 3 | Foundation of manhole C25 concrete | Contractor inserted a new item while this had to be included in items 17.1a and V17.3. | 62.07 | 60.78 | 1.29 | YES |
| 4 | Backfilling between concrete masonry and road | Contractor inserted a new item while this had to be included in item 17.1a. | 322.43 | 221.40 | 101.03 | YES |
| 5 | Supply and lay 300 x 300 chambers. Rate similar to rate in 14.3 | 150 x 150mm PVC boxes were installed. | 2,240.00 | 1,120.00 | 1,120.00 | YES |
| 6 | Supply and lay lean mix beneath concrete gutter | Contractor is claiming 11.03 cu.m. with 60 Euros per cu.m. while in Perit William Lewis's certificate is certifying 18.70 cu.m. with 34.70 Euros per cu.m. as per rate given for Sanap. | 661.92 | 648.89 | 13.03 | YES |
| 7 | Terrazzo Tiles | | 9,994.63 | 10,056.54 | -61.91 | YES |
| 8 | Hard Stone | | 3,115.10 | 3,232.44 | -117.34 | YES |
| 9 | Supply, lay and level granular material | Not agreeing on rate. | 2,204.70 | 1,397.80 | 806.90 | NO |
| 10 | Gagazza | Rate agreed on was 39 Euros / sq.m. Contractor is claiming 47.5 per l.m. | 5,027.88 | 1,444.17 | 3,583.71 | NO |
| 11 | Aggregate in tree pits | | | 178.00 | -178.00 | YES |
| | | | | | | |
| | | | 47,737.61 | 36,585.85 | 11,151.76 | |

**13.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

13.01 Is-Sur Robert Mallia staqsa f' hiex waslu l-pjanijiet sabiex isir il-*water culvert* fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina u rigward il-laqgħa li kellha ssir ma' Uffiċjali mill-EUPA dwar il-Youth in Action. Is-Sindku informah li l-Kunsill qed jikkunsidra li juża sistema ta' *culverts* lesti u li jkunu jridu jitpoġġew fit-triq. Ser jintalbu kwotazzjonijiet għal dawn it-tipi ta' *culverts*.

13.02 Is-Sinjura Carmen Said staqsiet dwar x' inhi r-raġuni għal *road humps* li tqaxxru, għadhom ma nksewx bit-tarmak. Talbet informazzjoni dwar kaxxi għall-*parking* ta' karozzi ta' persuni b' diżabilita' fi Triq il-Puniċi. Hija ilmentat għaliex fil-bidu tat-telgħa tax-Xlendi saru tabelli li kienu qed jipprojbixxu li traffiku mix-Xlendi jitla' għall-Munxar minn Triq il-Munxar. Dawn it-tabelli saru mingħajr ma l-Kunsill kien ikkonsultat u għaldaqstant dawn tneħħew.

13.03 Is-Sur Ryan Debrincat talab aktar informazzjoni dwar żewġ ittri li ġew mgħoddija lilu mill-Kuntrattur Bugeja Bros. (Gozo) Ltd., ittra mingħand l-Avukat Mario Scerri f' isem il-Kunsill u r-risposta mingħand l-Avukat ta' Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. Din hija korrispondenza dwar kontijiet ta' xogħlijiet li saru fil-Proġett ta' Eco Gozo fix-Xlendi.

Is-Sur Ryan Debrincat talab li jsir *patching* fl-i*slipway* tax-Xlendi, jinżabar il-Palm fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi u li jsir *water catchment* fuq il-bankini ta' quddiem id-dar ta' Ġużepp Parnis fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina.

**14.00 Materji oħra.**

14.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu talba mingħand resident ta' Triq San Pawl, Il-Munxar sabiex issir kanna matul il-bankina peress li t-traffiku qed jaħbat mal-bankina. Ġie deċiż li minflok kanna tal-ħadid isiru *double yellow lines* matul ir-residenza ta' din il-persuna.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.55 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 22 ta' Jannar 2013, fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |